MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tal-11 ta' Novembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 226/2015 LM

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs.**

**Agius Eugenio (K.I. Nru. 345260M) u Agius Josephine (K.I. Nru. 540562M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap 12 ippreżentat mis-soċjetà **HSBC Bank Malta p.l.c**. (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà rikorrenti") fil-11 ta'

Marzu, 2015 illi jaqra hekk:

*"Permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Roland Wadge datat 8 ta' Mejju, 2001 (Dok HSBC 1 anness), reż eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 ta' Awwissu, 2009 (Dok HSBC 2), l-intimati ġew konfermati debituri tal-Bank rikorrent fis-somma ta' €246,302.77 oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-18 ta' Awwissu 2009 sad-data tal-ħlas effettiv;*

*Għalkemm saru diversi pagamenti l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti;*

*Għaddew iżjed minn tlett snin mid-data tal-istess ittra uffiċjali u s-soċjetà rikorrenti qegħda permezz tal-preżenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati għall-bilanċ li għadu dovut.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn tlett snin u lid-dejn għadu mhux saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn … li jkun qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut"."*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Eugenio Agius u Josephine Aguis** (minn issa 'il quddiem "l-intimati") ippreżentata fil-15 ta' Lulju, 2015 li wieġbu hekk:

*"1. Illi huma jikkonfermaw li huma debituri lejn is-soċjetà attriċi ċioè HSBC Bank Malta p.l.c.;*

*2. Illi huma ma jaqblux mal-ammonti reklamati mis-soċjetà attriċi bħala dovuti minnhom;*

*3. Illi l-ammonti dovuti huma ferm inqas minn €246,302.77;*

*4. Illi l-ammonti dovuti għandhom jerġgħu jiġu komputati mill-ġdid u dan sabiex jieħdu in konsiderazzjoni fatti u ċirkostanzi għal wara d-data tat-titolu eżekuttiv li qed jiġi mitlub li jiġi ravvivat.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess l-intimati umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha li filwaqt li tiddikjarahom debituri tas-soċjetà attriċi, tordna l-komputazzjoni mill-ġdid tal-ammonti dovuti lis-soċjetà attriċi u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda tal-Avukat Ralph Agius Fernandez in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi wara li saru diversi pagamenti, is-soċjetà intimata baqgħet debitriċi tas-soċjetà rikorrenti u d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu.

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2015 l-intimati msejjħin tlett darbiet ma

dehrux u ma deher ħadd għalihom;

Rat li fl-istess udjenza l-Qorti ħalliet ir-rikors għal-llum għall-provvediment;

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà rikorrenti qegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li kuntratt pubbliku jerġa' jsir eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit.

L-Avukat Ralph Agius Fernandez in rappreżentanza tal-bank rikorrent ikkonferma bil-ġurament tiegħu illi wara li saru diversi pagamenti, is-soċjetà intimata baqgħet debitriċi tas-soċjetà rikorrenti.

Il-kuntratt pubbliku li s-soċjetà rikorrenti tagħmel riferiment għalih hu kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-Atti tan-Nutar Ronald Wadge datat 8 ta' Mejju, 2001 fejn is-soċjetà intimata ġiet ikkonfermata debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €246,302.77 oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-18 ta' Awwissu, 2009 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qegħda ssir din il-proċedura, ċjoè l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu

eżekuttiv li jgħaddilu t-terminu ta' żmien li fih setgħet issir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura.[1]

Illi l-liġi tqis bħala titolu eżekuttiv, fost l-oħrajn, il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt.

Biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-anqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak il-ħin 'l hemm, it-titolu jkun jista' jkun eżegwit bil-ħruġ tal-atti eżekutivi maħsuba fil-liġi bla ma jeħtieġ proċeduri oħrajn jew xi sentenza li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.

Il-kostituzzjoni tad-debitu ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 issir eżegwibbli skond ma jrid l-Artikolu 256(2) jumejn wara n-notifika ta' ittra uffiċjali lid-debituri.

Ir-rikors li jsir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'għandux l-iskop li jrendi t-titolu eżekuttiv eżegwibbli u għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, iżda għandu biss l-iskop li l-Qorti tawtorizza li t-titolu eżekuttiv jiġi rriavvivat biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs. Charmaine Saliba**, deċiża fis-27 ta' Settembru 2012 PA (JRM).

mill-ġdid u dan għax ikunu għaddew tlett snin mindu seta' jiġi eżegwit.

Billi jidher li għaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jiġi eżegwit il-kuntratt inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12.

Illi dan il-proċediment ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament li mhuwiex intiż biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.

Din il-proċedura sommarja ta' verifika għandha biss l-għan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu eżekuttiv ikun jista' jerġa' jsir eżegwibbli wara li jkun għadda t-terminu ta' żmien stabbilit mil-liġi ta' tlett snin u jkun ġie verifikat li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur.

Illi kif ġie spjegat fis-sentenza deċiża fit-12 ta' April, 2012 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika miżżewġin Ciantar:**

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".

Illi in vista tan-natura ta' din l-azzjoni, kif esposta fil-ġurisprudenza suċċitata, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti.

**Decide**

**Għaldaqstant, il-Qorti a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lil HSBC Bank Malta p.l.c. jesegwixxi kontra l-intimati, permezz tal-Mandati Eżekuttivi opportuni, t-titolu eżekuttiv tiegħu li oriġina mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Roland Wadge datat 8 ta' Mejju 2001 u reż eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali datata 27 t'Awwissu 2009 għall-bilanċ mill-ammont kanonizzat li għadu mhux imħallas.**

**Bl-ispejjeż a kariku tal-intimati.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------